

22001D0132

L 22/18

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

24.1.2002

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 132/2001

tad-9 ta' Novembru 2001

temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u sanitarji) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem msejjaħ "il-Ftehim", u partikolarment l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 103/2001 tat-28 ta' Settembru 2001 <sup>(1)</sup>.
- (2) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2000/45/KE tas-6 ta' Lulju 2000 li tistabbilixxi l-metodi ta' l-analiżi għad-determinazzjoni tal-vitamina A, tal-vitamina E u tat-triptofan fit-tipi ta' l-ikel <sup>(2)</sup> iridu jkunu inkorporati fil-Ftehim.
- (3) Id-Direttiva 2000/77/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-14 ta' Diċembru 2000 jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 95/53/KE li tfassal il-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjonijiet ta' l-ispezizzjonijiet uffiċjali fl-oqsma tan-nutrimenti ta' l-annimali <sup>(3)</sup> li għandhom ikunu inkorporati fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

## Artikolu 1

Il-punt li ġej għandu jitniżżel wara l-punt 31g (id-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/76/KE) fil-Kapitolu II ta' l-Anness I tal-Ftehim:

- "31h. **32000 L 0045**: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2000/45/KE tas-6 ta' Lulju 2000 tistabbilixxi l-metodi ta' l-analiżi tal-Komunità għad-determinazzjoni tal-vitamina A, tal-vitamina E u tat-triptofan fit-tipi ta' l-ikel (ĠU L 174, tat-13.7.2000, p. 32)."

## Artikolu 2

L-inċiż li ġej għandu jidher f'punt 31a (id-Direttiva tal-Kunsill 95/53/KE) fil-Kapitolu II ta' l-Anness I fil-Ftehim:

- "– **32000 L 0077**: Id-Direttiva 2000/77/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-14 ta' Diċembru 2000 (ĠU L 333, tad-29.12.2000, p. 81)."

<sup>(1)</sup> ĠU L 322, tas-6.12.2001, p. 8.

<sup>(2)</sup> ĠU L 174, tat-13.7.2000, p. 32.

<sup>(3)</sup> ĠU L 333, tad-29.12.2000, p. 81.

*Artikolu 3*

It-testi tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2000/45/KE u tad-Direttiva 2000/77/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-lingwi ta' l-Islanda u tan-Norweġja, li għandhom ikunu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-10 ta' Novembru 2001, dejjem jekk in-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu magħmula għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (\*).

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fit-taqsimha taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE għall-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmula fi Brussel, fid-9 ta' Novembru 2001.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

E. BULL

---

(\*) L-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali ma kienu indikati.